# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 4 4 0

**Chairman: Dr Leslie Cuschieri** Cert.Dip.Stud., LL.D.
**Membri : - Sinjura Antoinette Caruana**
**- Sur Christopher Attard**

**Kaz Numru 1827/LC**

**Fit-Tilwima tax-Xoghol bejn**

**Lawrence Bilocca**

**vs**

**Malta Drydocks Corporation u Malta Shipyards Limited u Industrial Projects and Services Limited B'digriet ta' l-erbgha (4) ta' Marzu 2004 it-Tribunal ordna li Saviour Gauci, ufficjal pubbliku fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomici, f'isem il-Gvern, assuma l-atti ta' dan il-kaz minflok il-Malta Drydocks Corporation; u b'Digriet tat-3 t'Ottubru 2016 Saviour Gauci gie sostitwit bi Claude Cuschieri,**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta, u allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju**

<u>Illum 4 ta' Ottubru 2016</u>

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ta' Lawrence Bilocca pprezentat fir-Registru fit-13 ta' Novembru 2003 mill-avukat Dottor Karmenu Mifsud Bonnici, u mghoddi fl-Ufficju tat-Tribunal Industrijali fl-14 ta' Novmebru 2003. Ghall-finijiet tal-Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setax jigi deciz fiz-zmien stabbilit mill-ligi peress li ghal zmien konsiderevoli l-kaz mar *sine die* pendenti kawza analoga li marret fl-Appell, oltre li sussegwentement il-gbir tal-provi ħa numru ta' snin, u

ulterjorment qamu diffikultajiet kemm ta' natura legali kif ukoll prattici li komplew tawlu s-smiegh tal-kaz.

PRELIMINARI

Bl-imsemmi rikors tat-13 ta' Novembru 2003, **ir-rikorrent** ippremetta li:

1. Huwa kien ilu impjegat fil-klassi ta' Manager mal-Malta Drydocks Corporation ghall dawn l-ahhar 28 sena.

2. Illi b'ittra tas-7 ta' Novembru 2003 huwa gie infurmat li l-impieg tieghu minn mal-korporazzjoni giet itterminat, u li huwa ma giex trasferit bhal ma gew trasferiti l-Managers l-ohra ghal mal-kumpanija Malta Shipyards Limited, li qeghda tassumi d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha tal-Korporazzjoni li l-Korporazzjoni kellha lejn l-impjetati taghha.

3. Illi meta l-Korporazzjoni ma osservatx il-provvediment tal-ligi dwar il-principju tal-"*last man in first out*" u l-Malta Shipyards Limited naqset ukoll li tosserva l-imsemmi principju, kif ukoll ma osservatx il-provvedimenti tal-ligi li jimponu fuqha l-obbligu li fi zmien sena terga' timpjega lir-rikorrent la darba l-post tar-rikorrent li huwa kien jokkupa huwa ottenibbli fil-Malta Shipyards Limited li qeghda tassumi l-obbligi tal-Korporazzjoi lejn l-impjegati tal-Korporazzjoni.

4. Illi r-rikorrent huwa l-uniku Manager tal-Korporazzjoni li ma giex trasferit ghall-Malta Shipyards Limited, hlief persuna ohra li recentement giet ingaggata bhala Ship Repair Manager u li qabel kien impjegat tal-Malta Shipbuilding Co Ltd.

5. Illi inoltre persuna li biss gimgha ilu giet impjegata b'kuntratt ta' zmien definit mal-Korporazzjoni bhala "accountant", giet issa trasferita lill-Malta Shipyards Limited.

Illi persuna ohra li kienet impjegata bhala "accountant" b'kuntratt ghal zmien definit mal-Korporazzjoni giet ukoll trasferita lill-Malta Shipyards Limited.

Illi persuna ohra li kienet sentejn ilu impjegata mill-Korporazzjoni b'kuntratt ghal zmien definit u li lilha inghataw ir-responsabbiltajiet li qabel kienu tar-rikorrent, ukoll giet ittrasferita lill-Malta Shipyards Limited.

Illi f'Ottubru 2003 il-Mlata Shipyards harget sejha ghall-applikazjonijiet ghall-'accountants'.

Illi inoltre ditta ta' 'Accountants' li kienu offrew is-servizzi taghhom lill-Malta Shipyards Limited, u impjegati taghhom, gew issa trasferiti biex jaghtu s-servizzi taghhom lill-Malta Shipyards Limited.

Illi minn dan kollu huwa evidenti li x-xoghol li r-rikorrent kien jizvolgi fil-Korporazzjoni huwa ottenibbli fil-Malta Shipyards Limited li assumiet lejha l-obbligi li l-Korporazzjoni kellha u li ghalhekk hija obbligata li toffrilu l-istess impieg li kellu sa zmien sena mit-terminazzjoni tal-impieg.

6. Illi l-Mlata Drydocks Corporation issoggettat lir-rikorrent ghal trattament diskriminatorju meta ma ittrasferitux ghall-Malta Shipyards Limited, u l-Malta Shipyards Limited issoggettat lir-rikorrent ghal trattament diskriminatorju meta ma assumietx fl-impieg taghha lir-rikorrent bhal ma assumiet impjegati ohra tal-Korporazzjoni mhux aktar meritoevoli, u mhux aktar anzjani fis-servizz mir-rikorrent; u fir-rigward taz-zewg intimati, sar ksur evidenti tal-provvediment tal-ligi li tivvjeta trattament diskriminatorju ta' impjegat.

7. Ghalhekk ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal, wara li jinvestiga l-ilmenti tar-rikorrent skond il-ligi, jiddeciedi:

(a) li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent bhala "qualified accountant" fi grad ta' "Manager" minn mal-Malta Drydocks Corporation u n-nuqqas tat-trasferiment tieghu lil, u l-assunzjoni fl-impieg tar-rikorrent mill-Malta Shipyards Limited huma bi ksur tal-provvedimenti tal-ligi, in quanto che ir-rikorrent ma hux l-ahhar persuna li giet impjegata fil-klassi tieghu mill-Malta Drydocks Corporation, u billi l-Mlata Shipyards Limited naqset li toffri lir-rikorrent impieg fil-kariga li ghandu huwa fil-Korporazzjoni, fil-waqt li offriet l-impieg lill-persuni ohra fl-istess klassi tar-rikorent li kienu impjegati mal-Korporazzjoni hafna zmien wara li r-rikorrent beda l-impieg tieghu mal-Korporazzjoni, u b'hekk inkisru l-provvedimenti tal-ligi dwar it-terminazzjoni tal-impieg, u n-nuqqas ta' impieg mill-gdid fi zmien sena mit-terminazzjoni;

(b) li kemm il-Malta Drydocks Corporation kif ukoll is-successura taghha l-Malta Shipyards Limited issoggettaw lir-rikorrent ghal trattament diskriminatorju bi ksur car tal-provvediment tal-ligi;

(c) li r-rikorrent  li r-rikorrent ghandu jinghata rimedju xieraq li jigi deciz mit-Tribunal skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tenut kont tas-snin ta' servizz leali li huwa irrenda lill-Malta Drydocks Corporation, tal-esperjenza vasta tieghu fil-qasam tal-"accounts" tax-"shiprepairs", u tat-trattament diskriminatorju sfaccat u abbuziv li ghalih  huwa gie assoggetat vis-a-vis persuni fil-klassi tieghu li kienu jirrendu l-istess servizz  lill-Malta Drydocks Corporation.

Ir-rikorrent ma pprezentax ulterjorment Dikjarazzjoni tal-Fatti.

Il-kumpanija intimata **Industrial Projects and Services Ltd** (imsejha  "IPSL") pprezentat Dikjarazzjoni tal-kaz fl-14 t'April 2004 li permezz tieghu eccepiet:

1. Illi ebda wiehed mill-ilment imressaq mir-rikorrent ma huwa dirett lejn IPSL; u ghalhekk l-IPSL kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2. Subordinament u minghajr pregudizzju, skond il-provediment tad-"Dockyard and Shipbuilding (Restructuring) Act [Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta], l-IPSL ma kellha ebda parti f'min mil-impjegati tal-Malta Drydocks Corporation (imsejha "MDC") u tal-Malta Shipbuilding Company Limited (imsejha "MSCL") jigu trasferiti fil-Malta Shipyards Limited (imsejha "MSL") jew lill-IPSL.  A termini tal-Artikolu 4(3) tal-istess Att din is-selezzjoni kellha ssir kif fil-fatt saret mill-MDC u mill-MSCL;

3. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, ir-rikors huwa bbazat fuq il-premessa zbaljata illi t-trasferiment tar-rikorrenti mill-MDC lill-MSL huwa regolat mill-Employment and Industrial Relations Act (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta); din hija premessa zbaljata;

Gie sottomess li t-trasferiment in kwistjoni huwa regolat mill-Kap 466 fuq imsemmi; l-Artikolu 4 tal-imsemmi Att jispjega l-mod kif kellhom isiru t-trasferimenti u cioe:-

(a) Illi s-selezzjoni kellha ssir minn MDC u MSCL (Artikolu 4(3) tal-Kap 466);

(b) Illi l-impjegati kollha ta' MDC u MSCL wara li ssir din is-selezzjoni isiru impjegati tal-MSL jew IPSL (Artikolu 4(1) tal-Kap 466);

(c) L-MSL jew l-iIPSL jassumu d-drittijiet u l-obbligi kollha li kellha l-MDC jew il-MSCL qabel it-trasferiment u dawn l-impjegati jitqiesu, ghall-finijiet u

effetti kollha tal-ligi li kienu impjegati tal-Kumpanija l-gdida li maghha gew trasferiti mid-data li gew impjegati mal-MDC jew mal-MSCL, skond il-kaz (Artikolu 4(2) tal-Kap 466).

L-IPSL tissottmetti illi s-sottomissjonijiet taghha illi t-trasferiment tal-impjegati huwa regolat mill-Kap 466 u mhux mill-Kap 452 hija bbazata fuq tliet argumenti, u cioe:- **(i)** Artikolu 4(1) tal-Kap 466 li jitratta dwar trasferiment tal-impjegati jibda bil-kliem "Notwithstanding the provisions of any other law..." li ghalhekk teskludi l-applikazzjoni tal-Kap 452; **(ii)** *Lex specialis* (Kap 466) *derogat generalis (*Kap 452); **(iii)** *Lex posteriori* (Kap 466) *derogat priori* (Kap 452).

A bazi ta' dan kollu s-socjeta` intimata IPSL cahdet l-allegazzjonijet tar-rikorrent illi gew miksura l-"*last in first out rule*", u li ma giex re-instated meta inholoq vakanza fil-post tieghu fi zmien sena – peress li tali allegazzjoijet huma bbazati unikament fuq il-Kap 452. Inoltre, dwar it-tieni allegazzjoni, la darba r-rikorrent huwa impjegat ta' IPSL, ma jistax jippretendi li jigi re-instated mal-MSL – li hija entita' guridika distinta.

Is-socjeta' intimata **<u>Malta Shipyards Ltd</u>** (imsejha MSL) ressqet ir-risposta taghha fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2004, li biha ssollevat:-

1) Preliminarjament huma ghandhom jigu liberati mil-osservanza tal-gudizzju stante illi ma kellhom u ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mal-appellant, u ghalhekk ma humiex il-ligittimi kontradittursi.

2) Ukoll preliminarjament, l-appellant ghandu jiddeciedi liema lanjanza qed javvanza, stante illi fl-umli fehma tas-socjeta', jekk ghall-grazzja tal-argument biss jigi deciz illi kien hemm tkeccija ingusta, ikun inutili illi jigi deciz jekk kienx hemm trattament diskriminatorju, u vice versa.

3) Ukoll preliminarjament, stante illi l-pretensjonijiet tal-appellant huma bbazati fuq provvedimenti ta' ligi li ma humiex applikabbli ghal kaz in ezami, stante illi kif kellu jigi spjegat waqt is-smiegh tal-kaz, il-process illi minnu ilmenta l-appellant kien regolat minn provvediment ta' ligi *ad hoc*, liema provvedimenti eskludew kwalunkwe ligi ohra, il-kaz ghandu jigi deciz billi jigi ddikjarat illi l-appellant ma ghandux *locus standi* quddiem dan it-Tribunal.

4) Fil-mertu u minghajr pregudizzju, in kwantu jikkoncerna l-ilment tal-appellant dwar tkeccija ingusta, stante illi l-appellant inghata xoghol ma’ azjenda ohra, ma jistax jinghad illi dan tkecca u/jew sofra danni materjali bhala rizultat.

In kwantu jikkoncerna l-ilment dwar trattament disriminatorju, ma jirrizultax illi kien hemm tali trattament, u sta ghall-appellant illi jgib provi dwar dan.

5) Fi kwalunkwe kaz, l-ghazla li saret kienet skond id-drittijiet ta' min kien ihaddem lill-appellant.

**Saviour Gauci**, fil-kwalita' tieghu f'isem il-Gvern, ressaq ir-risposta tieghu ukoll fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2004. Huwa eccepixxa:-

1) Preliminarjament l-appellant ghandu jiddeciedi liema lanjanza qed javvanza, stante illi fl-umli fehma tal-intimat, jekk ghall-grazzja tal-argument biss jigi deciz illi kien hemm tkeccija ingusta, ikun inutli illi jigi deciz jekk kienx hemm trattament diskriminatorju, u vice versa.

2) Ukoll preliminarjament, illi l-pretensjonijiet tal-appellant huma bbazati fuq provvedimenti ta' ligi li ma humiex applikabbli ghal kaz in ezami, stante illi kif kellu jigi spjegat waqt is-smiegh tal-kaz, il-process illi minnu ilmenta l-appellant kien regolat minn provvediment ta' ligi *ad hoc*, liema provvedimenti eskludew kwalunkwe ligi ohra, il-kaz ghandu jigi deciz billi jigi ddikjarat illi l-appellant ma ghandux *locus standi* quddiem dan it-Tribunal.

3) Fil-mertu u minghajr pregudizzju, in kwantu jikkoncerna l-ilment tal-appellant dwar tkeccija ingusta, stante illi l-appellant inghata xoghol ma' azjenda ohra, ma jistax jinghad illi dan tkecca u/jew sofra danni materjali bhala rizultat.

In kwantu jikkoncerna l-ilment dwar trattament disriminatorju, ma jirrizultax illi kien hemm tali trattament, u sta ghall-appellant illi jgib provi dwar dan.

4) Fi kwalunkwe kaz, l-ghazla li saret kienet skond id-drittijiet ta' l-istess intimat.

Fit-22 ta' Settembru 2004, dan it-Tribunal kif in parte diversament presjedut, halla l-kaz sine die pendenti proceduri fl-Appell ta' kaz b'eccezzjonijiet legali simili, precizament Kaz numru 1830MF li mar quddiem il-Qorti tal-Appell fuq eccezzjonijiet preliminari legali. In succinct l-intimat f'dik il-kawza, Saviour Gauci, fl-istess kwalita' li fiha qed jidher fil-kaz odjern, eccepixxa li ma kienx legittimu kontradittur peress li l-Att 466 tal-Ligijiet ta' Malta huwa kellu jidher fil-kawzi f'isem il-Gvern ta' Malta biss f'dawk il-kazijiet li jkunu inbdew qabel is-7 ta' Novembru 2003, mentri dak il-kaz gie intavolat wara. Dak l-appell, numerat 5/04 PhS, gie deciz fid-19 ta' Ottubru 2005 fejn gie deciz li fil-mument li dahal il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta kien ghadu ma giex fis-sehh, ghalkemm gie fis-sehh ftit wara b'data retroattiva, u ghalhekk l-intimat Saviour Gauci nomine kien imharrek korrettement u kellu jibqa' fil-kawza. Ic-cirkostanzi tas-sur Saviour Gauci nomine fil-kaz odjern huma identici ghal dak il-kaz.

In oltre fis-16 t'Awwissu 2005 ir-rikorrent Lawrence Bilocca fetah proceduri kostituzzjonali bl-ilment li l-ligi ossia Kap 466 tal-Ligjiet ta' Malta kien qed icahhadlu d-dritt tieghu ta' access ghal Qorti jew Tribunal minhabba l-provvediment retroattiva tal-Artikolu 4(2) tieghu; dak il-kaz numerat 43/2005GCD gie deciz fis-sens li gialadarba l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kaz ta' Renato J. Costigan kienet li Saviour Gauci f'isem il-Gvern kellu jitqies bhala legittimu kontradittur anke fil-kazijiet li gew intavolati wara s-7 ta' Novembru 2003, allura Lawrence Bilocca kellu d-dritt li jkompli jmexxi kontra l-Gvern ta' Malta fuq l-import ta' din id-Decizjoni tal-Qorti tal-Appell. Dan il-kaz kostituzzjonali ma giex appellat.

In vista ta' dan, fis-seduta tal-5 ta' Frar 2008 is-socjeta' intimata IPSL irtirat it-tielet eccezzjoni taghha, imma sostiniet it-tieni eccezzjoni anke indipendentment minn dak li jipprovdi Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista ta' l-imsemmija sentenzi ukoll, fis-seduta tal-5 ta' Frar 2008 is-socjeta' intimata MSL irtirat it-tielet eccezzjoni taghha.

In vista ta' l-imsemmija sentenzi ukoll, fis-seduta tal-5 ta' Frar 2008 Saviour Gauci nomine irtira it-tieni eccezzjoni tieghu.

PROVI

Ir-rikorrent beda jixhed fi Frar 2008 fejn apparti li pprezenta numru ta' dokumenti, spjega kif meta twaqqaf mill-impieg tieghu f'Novembru 2003, huwa kien qualified accountant mal- MDC b'kariga ta' Financial Controller u Corporated Secretary. Dak iz-zmien, l-operat tat-tarzna bidel l-idejn, u fl-ezercizzju relatat mar-reklutagg jew trasferiment tal-haddiema, il-managers kollha li kellha jahdmu maghha l-MDC gew trasferiti lejn il-kumpanija Malta Shipyards Limited (MSL), hlief ghar-rikorrent. MSL assumiet id-drittijiet u l-obbligi kollha li kellha l-MDC. Fil-waqt li l-MDC ma osservatx il-principju tal-*Last in First out,* il-kumpanija MSL osservatx il-principju li timpjega haddiem li jkun twaqqaf mix-xoghol minhabba *redundancy* fi zmien sena. Ir-rikorrent isemmi numru ta' accountants li gew impjegati mill-MSL wara li huwa kien twaqqaf mill-impieg mal-MDC. Jghid li f'Ottubru 2003 il-Malta Shipyards Ltd harget sejha ghal applikazzjonijiet ghal accountants u fil-fatt sussegwentement gew impjegati diversi accountants. Jghid li c-Chairman tal-MDC baghtlu ittra fis-17 ta' Novembru 2003 fejn qallu li huwa ma intbaghatx fil-MSL ghaliex ma kienx lahaq il-livell necessarju ta' impenn u konsistenza fix-xoghol tieghu. Jghid li tul it-28 sena ta' impieg hadd qatt ma gibidlu l-attenzjoni ghal xejn hazin. Jghid li hadd qatt ma offrielu xi tahrig biex itejjeb il-prestazzjoni f'xogholu.

Jghid li l-ewwel twaqqaf mill-impieg, imbaghad wara li nfetah dan il-kaz l-IPSL baghtu ghalih biex jidhol jahdem maghhom u offrewlu impieg fil-Qorti, fejn beda fit-22 ta' Dicembru 2003 u baqa' hemm numru ta' snin. Pero', bhala manager ir-rikorrent kellu karozza Citroen Xsara bil-fuel ukoll, u mobile

phone Nokia, u l-kera tat-telefon tad-dar, izda mal-IPSL dawn tilifhom. Mal-MDC l-haddiema kellhom Collective Agreement li bih kienu jiehdu zidiet, mentri mal-IPSL ma kellhomx Ftehim Kollettiv. Jghid li huwa xorta baqa' jzomm il-karozza ghal sentejn u nofs, pero' la baqghu ihallsulu fuel u anqas il-maintenance. Jghid li l-paga baqghetlu kif kienet l-ahhar mal-MDC u ma hax aktar zidiet.

Ittella jixhed Anthony Restall li originarjament kien Human Resources Executive mal-MSCL, izda imbaghad inhatar biex jiehu hsieb il-Human Resources tal-MDC ukoll. Jghid li r-rikorrent kien il-Financial Controller tal-MDC, fi grad ta' Manager. Jikkonferma li r-rikorrent kien l-uniku manager li ma intbaghatx mal-MSL izda mal-IPSL, minn madwar 50 manager li kellha l-MDC. Jghid li flimkien mal-Finance Executive tal-MSCL, Ivan Borg, huma hargu sejha ghal applikazzjonijiet ghal Finance Executive mal-MDC fl-2001. Din kienet kariga li seta' applika ghaliha r-rikorrent izda dan ippretenda li tinghatalu minghajr ma japplika ghaliha. Ic-Chairman John Cassar White insistilu biex japplika ghaliex altrimenti jitqies li ma kienx interessat. Ir-rikorrent deherlu li din il-kariga kienet l-istess li kien diga' jhaddan, mentri s-sur Cassar White deherlu li l-kariga reklamata kellha xi duties differenti. Dan il-Finance Executive kellu jkun responsabbli kemm mill-MDC kif ukoll mill-MSCL, u l-kariga ta' Financial Controller kellha tispicca, kif fil-fatt sar.

Restall xhed kif is-sejha ghal Financial Executive harget fl-2001, u peress li r-rikorrent baqa' ma riedx japplika, din il-kariga inghatat lil Ivan Borg fis-7 ta' Jannar 2002. Pero' r-rikorrent xorta baqa' fil-kariga ta' Financial Conroller mal-MDC, pero' xi xoghol li kellu issa beda' jaghmlu Borg. Wara li gie appuntat dan Borg, gew impjegati haddiema fil-grad ta' Manager fil-Financial Division taht l-istess Borg. Kien hemm il-hsieb li x-xoghol tal-MDC u l-MSCL jigi amalgamat; fil-waqt li fl-2003 il-managers tal-MDC kollha marru mal-MSL, madwar 9 manager minn tal-MSCL spiccaw mis-servizz. Fl-2003 sar assessment tal-haddiema minhabba r-reklutagg mal-MSL, liema assessment sar mill-managers u mis-supervisors ghall-haddiema ta' tahthom; dak tar-rikorrent

sar mic-Chief Executive Peter Moore; l-istess Anthony Restall kien responsabbli ghal dak li hu manpower audit u assessja numru ta’ managers, pero’ mhux lir-rikorrent. Is-sur Moore imbaghad telaq u mar l-Ingilterra. Is-Sur John Cassar Whyte kien imbaghad jiddiskuti l-assessments kollha hu ukoll.

Dwar it-tul ta’ servizz ta’ managers ohra, Restall esebixxa lista ta’ 57 manager. Bilocca kien gie impjegat fl-1975; Raymond Cauchi kien sar Finance Manager fit-28 ta’ Ottubru 1991 mal-Manoel Islands Yacht Yards li kienet tappartjeni lill-MDC, gie trasferit ghal mal-MSL fil-11 t’Ottubru 2004; pero’ huwa baqa’ jirrapporta lill-General Manager tal-Manoel Island Yacht Yard. Joseph Piscopo gie impjegat mal-MSL bhala Finance Manager fit-13 t’Ottubru 2003. Adrian Bonnanno dahal bhala Management Accountant mal-MSL fit-23 ta’ Jannar 2007. Edward Agius gie impjegat bhala manager mal-MSL fil-5 ta’ Novembru 2003 u spicca fil-11 ta’ Awwissu 2006. Dawn kollha kienu jahdmu mal-MSL fit-taqsima tal-Finanzi. Ivan Borg kien fi grad oghola, bhala Executive: kien hemm 4 biss executives. Il-managers imsemmija fit-taqsima tal-finanzi kienu jaqghu that is-sur Borg.

Restall jispjega kif fl-assessment li sar dwar il-managers, is-sur Bilocca fl-i**skills proficiency** inghata l-marka VERY GOOD (b’20 punt), fil-**commitment and reliability** inghata l-marka BELOW AVERAGE (b’10 punti), f’**no operational restrictions** inghata l-marka GOOD (bi 15-il punt), mentri fil-**flexibility, fit-training aptitude u fis-self motivation** inghata marki ta’ POOR (bil-marka ‘0’). Manager kellu jgib 60 punt biex jintbaghat mal-MSL, mentri r-rikorrent jigi li gab 45 biss. Mill-lista ta’ managers imsemmija minn dan ix-xhud u li intbaghatu mal-IPSL hadd ma kien ingaggat qabel ir-rikorrent (li gie ingaggat fl-1975). Kien hemm 10 managers li gew ingaggati fil-Financial Division tal-MSL. Wara li fil-11 ta’ Awwissu 2006 Edward Agius irrezenja, dahal floku Adrian Bonanno. Il-qlib ghal mal-Malta Shipyards saret ezattament fl-10 ta’ Novembru 2003.

Dawk li gew ingaggati fl-2003 inghataw salarju ta' Lm6,940, mentri per ezempju Raymond Cauchi li kien ilu hemm, kellu salarju ta' Lm8,377 fl-2003. Fl-2003 ir-rikorrent, Vince Micallef, Dennis Azzopardi, Victor Whyte u Joe Meli kollha kellhom l-oghola paga li setghu jiehdu. Minn dokument AR12C jirrizulta li fl-2003 dawn kienu jiehdu Lm11,907. Fl-2008 Victor White kien qed jiehu €28,887 u Vincent Micallef €432,111.

Restall jispecifika li mid-dokument tar-restructuring jirrizulta li meta s-sur Bilocca kien jintalab jaghmel xi duties extra ma kienx jikkoopera, u ghalhekk fil-flexibility inghata '0'. Esebixxa "Efficiency Review" [1] li kien jghid li "*Laurie Bilocca is a professionally qualified accountant who has a wealth of experience of the financial base of MDD. He appers to the Appledore International team to be an extemely de-motivated manager. In his current role he has encountered many of the political and cultural factors which have led the organistation to where it is at present. His personal style appears to be quite quiet and it is not clear how well he would respond to the stronger style of a future Chief Executive and Operations Executive. Given these considerations, Appledore International believe that it might prove difficult for him to effectively fulfil the financial controller post within the future shiprepair business. However his knowledge of the existing cost base, financial qualifications and experiene could be of considerable benefit to the Enterprises operation and we believe that he may see the challenge of diversification as a welcome change and a motivating influence*." Dan ma kienx fil-personal file tas-sur Bilocca.

Dan ix-xhud ikkonferma li bejn l-1989 u l-2003 ir-rikorrent ma kien ha ebda sick-leave. In oltrle dan ix-xhud esebixxa ftehim[2] bejn il-Gvern u l-General Workers Union li fost affarijiet ohra jistipula li in rigward tal-haddiema tat-tarznari li kienu ser jintbaghtu jew fil-Malta Shipyards Ltd jew fl-Industiral Projects and Services Ltd, "Il-haddiema ser igorru maghhom id-drittijiet li kellhom sallum. Izda qieghed jigi dikjarat illi l-istrutturi tal-pagi l-godda

[1] Dokument AR16, kompilat minn Appledore International Limited
[2] Dokument AR17, datat 4 ta' Novembru 2003

jghoddu biss ghal dawk il-haddiema li ser ikunu fuq il-kotba tal-Malta Shipyards Limited…"

Is-sur Ivan Borg, Finance Executive mal-MSL xhed li fil-waqt li huwa ha din il-kariga wara li kien gie appuntat Financial Executive mal-MSCL f'Jannar 2002, fl-istess zmien ir-rikorrent kien imexxi l-finanzi tal-MDC. Meta r-rikorrent spicca mill-impieg tal-MDC, dan ix-xhud beda jaghmel xogholu. Pero fid-dipartiment li fih kien jahdem ir-rikorrent, f'Ottubru 2003 gie impjegat Joseph Piscopo bhala manager. U fl-istess dipartiment f'Novembru 2003 dahal ukoll bhala manager Eward Agius li ukoll huma accountants. Bhala manager fil-Finance kien hemm Ray Cauchi, u f'Ottubru 2004 dan intbaghat jahdem fil-Manoel Island Yacht Yard; hemmhekk Piscopo u Agius ziedu d-doveri taghhom billi assumew ix-xoghol ta' Cauchi, kif ukoll hadu minn ghand Ivan Borg dawk id-doveri li huwa kien ha minn ghand Bilocca.

Is-Sur John Cassar White xhed li kien gie appuntat chairman tal-MSCL fl-1998; fl-2002 sar chairman tal-MDC ukoll. Imbaghad sar chairman tal-MSL fl-2003. Fl-2003 is-Shipbuilding tal-Marsa u d-Drydocks ta' Bormla gew amalgamati taht il-kappa tal-MSL bhala Tarzna wahda. Gie esebit l-Att numru 15 tal-2003 tal-25 ta' Novembru 2003 li bih giet regolata din l-amalgamazzjoni. Artiklu 3 jistipula li l-attiv u l-passiv kollu tal-MDC u tal-MSCL kellhom ivestu fil-Gvern, u li l-azzjonijiet kollha pendenti kontrihom kellhom jitlomplew kontra l-Gvern. Il-process ta' merger beda bil-mod il-mod fis-sena 2000 sa ma ha effett legali f'Novembru 2003. F'dan il-process gew involuti l-unions, il-management u l-Gvern, u finalment anke sar ftehim kollettiv bejn l-union u l-kumpanija l-gdida MSL; harget ukoll skema ghal dawk li riedu jirtiraw kmieni.

Dan ix-xhud jghid li parti mill-process tal-merger kien li l-management ma jibqax wiehed ghax-Shipbuilding u wiehed ghad-Dockyard; kellu jsir managament wiehed ghaz-zewg tarznari. Ghalhekk harget internal call ghal min ried jiehu hsieb il-finanzi taz-zewg tarznari amalgamati, izda r-rikrrent, li

kien jiehu hsieb il-finanzi tad-Dockyard biss, hass li huwa kien intitolat ghal dik il-kariga ta’ Financial Executive u ma applikax. Ivan Borg, li kien jiehu hsieb il-finanzi tax-Shipbuilding, applika, u allura l-kariga l-gdida li kellha tiehu hsieb il-finanzi taz-zewg tarznari hadha hu. Dan ix-xhud ikkonferma li bhal ma tghid il-ligi relattiva, id-decizjoni ta’ min kellu jigi impjegat mal-MSL jew imur mal-IPSL (apparti dawk li jirtiraw kmieni) kellha tkun prerogattiva tal-management tal-MDC u tal-MSCL biss. L-IPSL ma kellha ebda kelma f’din l-ghazla. In kontro-ezami dan ix-xhud jammetti li s-sejha ghall-applikazzjonijiet li saret f’Jannar 2001 ghal Financial Executive ma kinitx ghaz-zewg tarznari amalgamati imma ghad-Dockyard biss. Jghid li pero’ dak iz-zmien diga kien beda l-process tal-amalgamar. Meta gie suggerit li Ivan Borg mhux veru applika ghal Financial Executive imma sempliciment inghata l-kariga, dan ix-xhud ma kienx jaf x’gara ezatt. Jghid li r-rikorrent kellu attitudni negattiva fis-sens li kull meta jitolbu xi haga li tipprezenta xi diffikulta, flok jara kif isibilha soluzzjoni kien jaqta' barra u jghid li ma tistax issir. Ic-Chief Executive Officer Peter Moore kien kontinwament jiskontra din il-problema mar-rikorrent. Jghid li l-accounts ta’ kull sena r-rikorrent kien jaghmilhom tajbin hafna, imma l-management accounts ta’ kull xahar ma kienux ta’ l-istess livell li kien qed jipprepara tal-MSCL. Hawnhekk pero’ x-xhud jghid li fi zmien ir-rikorrent il-computer program li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu kien primittiv ghall-ahhar, u dan kien qed ifixklu fil-management accounts.

KONSIDERAZZJONIJIET

Il-fatti ta’ dan il-kaz huma ben elokwenti. Kellna sitwazzjoni fejn zewg tarznari kellhom jigu amalgamati f’entrapriza wahda li tiehu hsieb iz-zewg tarznari. Ir-rikorrent kien il-Financial Controller tad-Dockyard ghal numru kbir ta’ snin, mentri x-Shipbuilding kellha Financial Controllers b’inqas esperjenza. Kien hemm htiega ghal Financial Executive li kien ser ikollu aktar responsabbiltajiet minn dawk li kellhom il-Financial Controllers sa dakinhar. Ir-rikorrent hass li

huwa kellu jinghata dik il-kariga b'mod awtomatiku, u meta mitlub japplika ghaliha huwa ma applikax. Pero', mhux talli ma inghatax il-kariga ta' Financial Executive, li forsi f'certu sens kienet setghet titqies bhala promotion, talli anqas gie offrut lilu ebda management post iehor li kien ser ikollha l-kumpanija l-gdida Malta Shipyards Limited. Irrizulta bl-aktar mod lampanti li sia qabel ma saret il-qalba mill-10 ta' Novembru 2003, kif ukoll wara dik id-data, imtlew vakanzi diversi ta' managers li kellhom konnessjonijiet mal-finanzi, u tali vakanzi qatt ma gew offruti lir-rikorrent.

Anzi, dan it-Tribunal jinnota li meta fis-7 ta' Novembru 2003 ir-rikorrent gie mgharraf li l-impieg tieghu mad-Drydocks kien spicca, huwa ma giex infurmat li kien qed jigi trasferit lejn xi kumpanija ohra, la l-MSL u l-anqas l-IPSL. Dan wassal biex fit-13 ta' Novembru 2003 infetah dan il-kaz. Kien biss f'Dicembru 2003 li r-rikorrent gie ingaggat mill-IPSL. Dan b'ebda mod ma jissufraga l-fatt li minkejja l-obbligu li kellhom l-MDC u l-MSCL li jitrasferixxu l-haddiema kollha taghhom jew lejn il-MSL jew lejn l-IPSL, dawn ma ttrasferixxew lir-rikorrent lejn ebda wahda minnhom. Kif jghid l-Att Numru XV tal-2003 (Kap 466) u kif ikkonferma c-Chairman tal-kumpaniji involuti John Cassar White, kienet fid-diskrezzjoni assoluta tal-MDC u l-MSCL li jiddeciedu fejn imorru l-haddiema taghhom (apparti dawk li rtiraw kmieni), pero' huma ma kellhom ebda dritt jitterminaw l-impieg ta' ebda haddiem. Pero' hekk ghamlu mar-rikorrent, u ghal din qatt ma inghatat spjega jew gustifikazzjoni.

Jirrizulta li sussegwentement ir-rikorrent intbaghat mal-IPSL, li baghtitu jahdem fil-Qrati tal-Gustizzja, impieg li ma kellu xejn x'jaqsam mal-ispecjalita' tax-xoghol tieghu fejn kellu esperjenza vasta fix-ship-repair. Wara kollox, anke l-Appledore jghidu li ghalkemm ir-rikorrent iltaqa' ma hafna indhil politiku li wasslu ghal demotivazzjoni f'xogholu, wiehed kellu jesplora b'kawtela kemm seta' jisfrutta l-esperjenza kbira li kellu f'dak il-qasam tat-tarznari. Certament la kienu qed jissuggerixxu tkeccija, kif gara fil-bidu, u l-anqas li jinqala' 'l barra kompletament minn dan is-settur, bhal ma gara mal-IPSL. Jigi notat li mal-Malta Shipyards Ltd sar Ftehim Kollettiv li bih giet

implimentata l-ligi msemmija u cioe li l-impjegati kollha tat-tarznari jibqghu igawdu mill-istruttura ta’ pagi li kellhom. Pero’ tali struttura ma setghetx tinghata lil dawk li jigu “trasferiti” mal-IPSL. U kien proprju dak li gara lir-rikorrent. Bl-impieg il-gdid mhux mal-MSL tilef iz-zieda fil-paga (ghajr ghal dik mahruga ghall-gholi tal-hajja – il-COLA), tilef l-uzu ta’ karozza u l-fuel ghaliha, u l-mobile u telefon. Jidher li dawn kien izommhom kieku gie ingaggat bhala manager mal-MSL.

Issemmew diversi managers li gew ingaggati mal-MSL, u hadd minnhom ma kien ilu jahdem mat-Tarznari daqs ir-rikorrent. Anzi addirittura gew ingaggati managers godda proprju f’dik is-sena li r-rikorrent tkecca u sussegwentement intbaghat mal-IPSL. U baqghu jinholqu vakanzi ghal managers mal-MSL sa sena wara li intemm l-impieg tar-rikorrent, u qatt ma inghatat spjegazzjoni ghaliex ir-rikorrent qatt ma intbaghat jimla’ dawk il-vakanzi. L-unika forma ta’ spjega moghtija hija li kellu karattru difficli. Irid jinghad li kien kemm kien difficli l-karattru tar-rikorrent, qatt ma irrizulta li dan inhargitlu xi warning minhabba l-imgieba tieghu. Anqas ma rrizulta li ttiehdu xi passi dixxiplinari kontrih. Jekk l-amministrazzjoni tal-kumpaniji, anke skond ir-review li sar dwar is-sur Bilocca, dehrilhom li s-sur Bilocca seta' johloq xi difficultajiet lill-MSL jekk jintbaghat jahdem maghha, is-soluzzjoni ma kinitx li dan jitwaqqaf mill-impieg b'mod immedjat, imma li xorta jintbaghat mal-MSL, u imbaghad sta ghall-amministrazzjoni tal-MSL li jekk ikun mehtieg tiehu dawk il-mizuri opportuni kontra r-rikorrent.

Hadd mill-intimati ma qatt irreklama li x-xoghol tar-rikorrent gie “redundant”, u ghalhekk dan it-Tribunal qed jikkonkludi li dan mhuwiex kaz ta’ redundancy. Originarjament, fil-mument li infetah dan il-kaz, kien hemm kaz ta’ tkeccija li ladarba ma gietx gustifikata, hija ingusta. Sussegwentement ir-rikorrent intbaghat mal-IPSL, pero’ r-rikorrent xorta tilef impieg b’certa struttura ta’ paga u b’perkacci, li seta’ facilment zammhom kieku gie offrut lilu xi wahda mill-karigi ta’ managers li kellha bzonn l-MSL.

Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li in kwantu r-rikorrent kien l-uniku manager f'taqsima relatata mal-finanzi li ma giex trasferit ghal mal-MSL, dan kien att diskriminatorju da parti tal-korporazzjoni MDC, li kien fil-prerogattiva taghha tiddeciedi x'taghmel bl-impjegati taghha f'Novembru 2003[3]. Dan ifisser li l-MDC trid tirrispondi kemm ghat-tkeccija ingusta tar-rikorrent, kif ukoll ghad-diskriminazzjoni ezercitata kontrih meta ma ntbaghatx mal-MSL.

Dan it-Tribunal jinnota li ghalkemm l-Artikolu 4 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi li l-IPSL hadet l-obbligi kollha tal-haddiema li irceviet minn ghand l-MDC, inkluz is-sur Bilocca, jidher li din bl-ebda mod ma naqset minn dan l-obbligu. Di fatti kienet maghmula cara mill-bidu, u dan anke kif rifless fil-ftehim bejn il-Gvern u l-General Workers Union, li dawk li jigu trasferiti lejn l-IPSL ma kellhomx ikomplu jgawdu mill-istruttura ta' paga li kellhom, kif fil-fatt garalu s-sur Bilocca. Ghalhekk l-ingustizzja li sofra r-rikorrent ma tistax tigi imputata lill-IPSL. Inoltre, huwa mill-aktar ovvju li anqas il-Malta Shipyards Limited ma kellha ebda "say" fuq liema haddiema tal-MDC jigu ghandha. Ghalhekk kemm l-IPSL kif ukoll il-MSL qed jigu ezonerati minn kull nuqqas fil-konfront tar-rikorrent.

Ghalhekk qed jigi konkjuz li r-rikorrent sofra tkeccija ingusta u trattament diskriminatorju minn taht idejn il-Malta Drydocks Corporation, li llum il-gurnata ghandha d-drittijiet u l-obbligi taghha vestiti fil-Gvern ta' Malta, kif rapprezentat mill-intimat ufficjal pubbliku fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomici, f'isem il-Gvern**.** Ir-rikorrent ghandu jigu kkumpensat ghal din l-ingustizzja, u dan it-Tribunal kien tenut jiehu in konsiderazzjoni t-tkeccija temporanja, it-telf tal-istruttura tal-paga li kellha l-MSL, il-perkacci, kif ukoll ic-cirkostanzi kollha li kellhom impatt fuq it-tul ta' zmien li ha dan il-kaz biex gie deciz.

---

[3] Artikolu 4 tal-Att XV tal-2003

DECIZJONI

Ghalhekk dan it-Tribunal, wara li ra l-provi kollha prodotti, il-ligijiet relattivi u c-cirkostanzi prevalenti jikkonkludi li r-rikorrent sofra tkeccija ingusta li ssussitiet ghal zmien qasir, kif ukoll sofra diskriminazzjoni in kwantu ma ntbaghatx jahdem mal-Malta Shipyards Limited, liema zewg ingustizzji illum irid jirrispondi ghalihom  il-Gvern ta' Malta, kif rapprezentat mill-intimat ufficjal pubbliku fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomici, f'isem il-Gvern**.** Tenut kont tal-fatturi kollha prevalenti u rilevanti imsemmija hawn fuq, dan it-Tribunal qieghed jordna lill-istess intimat Gvern ta' Malta kif rapprezentat ihallas lir-rikorrent kumpens fl-ammont ta' tletin elf Euro (€30,000.00), li ghandu jithallas fi zmien tletin jum mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro (€93.00).

B`hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman

**Mrs Antoinette Caruana**
Membru

**Sur Christopher Attard**
Membru